MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2013

Citazzjoni Numru. 39/1965/1

**Emanuela Buttigieg** u b'digriet li nghata fis-27 ta' Gunju 2007 il-qorti ordnat it-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem Giuseppi, Pawlu, Maria xebba, Salvu, Karmenu, Toni, Gorgi, Ewkaristiku, Ganni u Benenja Borg ilkoll ahwa Buttigieg wara l-mewt tal-attrici fis-17 ta' Dicembru 2003; **Francesco Portelli** u b'nota prezentata fil-11 ta' Ottubru 1979 Michael Portelli f'ismu proprju u f'isem hutu Joseph, Edward sive Eddie, Carmelo u Anthony ahwa Portelli assuma l-atti wara l-mewt ta' missierhom Francesco Portelli u b'digriet tal-1 ta' Gunju 2007 Emanuel Portelli dahal fil-kawza bhala wiehed mill-werrieta ta' Francesco Portelli.

Vs

**Rosa Said mart Francesco Said minnu assistita** u b'digriet moghti fit-3 ta' Ottubru 2006 saret it-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem Ganni, Maria xebba, Pawlu, Joseph,

Michael, Judith Mercieca, Domenica Vella, Francesca Muscat, Carole Spiteri, Catherine Galea u Anthony lkoll ahwa Said wara l-mewt tal-konvenuta; **Giuseppi Portelli** u b'nota prezentata fit-12 ta' Ottubru 1979 Carmelo Portelli u Maria mart Paolo Muscat assumew l-atti tal-kawza wara l-mewt ta' missierhom; **Salvatore Portelli** u b'digriet tat-13 ta' Mejju 1983 saret trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem Maria Portelli u Joseph Portelli wara l-mewt tal-konvenut; u l-Avukat Dr Luigi Pace u l-Prokuratur Legali G.B. Saliba nominati kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-assenti **Antonio Portelli** u b'digriet li nghata fil-31 ta' Jannar 1968 l-avukat Pace gie sostitwit bl-avukat Dr Antonio Calleja bhala kuratur ta' Antonio Portelli, u b'nota prezentata fid-29 ta' Ottubru 1980 l-avukat Victor Bajada assuma l-atti ghan-nom tal-assenti Antonio Portelli, u permezz ta' nota prezentata fis-26 ta' Ottubru 1989 Tarcisio Portelli assuma l-atti ghan-nom ta' Antonio Portelli; u b'digriet tat-3 ta' Gunju 2003 John Said gie awtorizzat jintervejni fil-kawza; u b'digriet li nghata fl-14 ta' Mejju 2003 Joseph Said iben Rosa Said kien gie awtorizzat jintervjeni fil-kawza.

Il-Qorti,

Illi din il-kawza originarjament kienet giet prezentata minn Emmanuela Buttigieg u huha Francesco Portelli. Huma talbu li jinghataw il-legittima mill-wirt ta' Giovanni Portelli li miet fid-29 ta' Jannar 1942 u martu Maria Portelli li mietet fis-6 ta' Settembru 1964.

Il-konvenuta Rosa Said kienet eccepiet preliminarjament li l-atturi ma setghux jaghmlu dina l-kawza qabel ma jirrinunzjaw ghall-wirt tal-genituri taghhom skont kif stabbilit mil-ligi u talbet ghalhekk li tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Minghajr pregudizzju eccepiet li fil-likwidazzjoni ta' l-assijiet imsemmijin fic-citazzjoni, kellu jigi mdahhal id-dejn ta' l-istess assijiet versu lejha ghall-alimenti u kuri prestati ghal zmien twil lill-genituri taghhom, liema dejn jinsab rikonoxxut fid-disposizzjonijiet testamentarji taghhom. Sussegwentement din il-konvenuta b'nota tal-24 ta' Gunju 1967 irrinunzjat ghall-

ewwel eccezzjoni taghha u kienet iddikjarat li *".... ma topponix ruhha ghat-talbiet attrici salv ghat-tieni eccezzjoni minnha gia moghtija."*[1]

Illi l-konvenut Giuseppe Portelli[2] eccepixxa li huwa kien ta mija u hamsin lira lill-genituri tieghu minn barra meta kien imsiefer, u dawn kellhom ipogguhom il-Bank, Ghawdex f'ismu izda dawn m'ghamlux dana d-depositu. Eccepixxa wkoll li huwa nefaq spejjez ghaxar liri f'kamra li nbniet fil-fond komuni, u ghamel sigra tat-tin, u ghalhekk ghandu jigi akkreditat ghal dawn l-ispejjez. Mill-bqija ddikjara li ma kienx qieghed jopponi ghat-talbiet tal-atturi[3];

Illi Salvatore Portelli filwaqt li m'opponix ruhu ghad-domandi mitluba fl-ewwel u t-tieni domanda u ddikjara li accetta li hu werriet ta' ommu, irrizerva d-dritt li jirrinunzja ghall-kwota tal-wirt ta' missieru u li jiehu l-legittima.

Illi l-kuratur nominat mill-qorti ghall-assenti Antonio Portelli kien iddikjara li m'huwiex edott mill-fatti.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza nkluz in-noti ta' sottomissjonijiet.

Rat li din il-kawza thalliet ghal sentenza parzjali.

Kunsiderazzjonijiet

Illi din hija sentenza parzjali li titratta dwar jekk kienx hemm accettazzjoni tal-wirt min-naha tal-genituri.

Rizultanzi

Fil-kors tas-smiegh tal-kawza xi konvenuti bdew isostnu li l-atturi ma jistghux jirnexxu fil-kawza ghaliex mill-provi jirrizulta li kien hemm accettazzjoni tal-wirt tal-genituri

---

[1] Fit-tieni eccezzjoni qeghda tippretendi li jittiehed in konsiderazzjoni s-servigi li kienet tat lill-genituri taghha.
[2] Miet fl-10 ta' Dicembru 1968 (fol. 90).
[3] Fol 23 tal-process

minhabba l-fatt li qeghdin jippossjedu beni li jifformaw parti mill-wirt. Mill-process ma jirrizultax li nghatat eccezzjoni formali f'dan is-sens. Madankollu l-qorti fil-provvediment li tat fl-1 ta' April, 2011 kienet tal-fehma li dawn huma kwistjonijiet ta' dritt li rrispettivament mill-eccezzjonijiet li nghataw mill-konvenuti, trid tiehu konsiderazzjoni taghhom meta tigi biex tiddeciedi dwar it-talbiet tal-atturi. Dan ghaliex f'kawzi ta' din ix-xorta l-qorti trid tiddetermina li:-

(a) Il-parti li tkun qeghdha titlob il-legittima ma tkunx accettat il-wirt espressament jew tacitament. Min jaccetta l-wirt ma jistax jitlob il-legittima.

(b) Il-parti li tkun qeghdha titlob il-legittima tkun irrinunzjat ghall-wirt skond il-procedura stabbilita fl-Artikolu 860 tal-Kodici Civili. Il-ligi stess tipprovdi li rinunzja ma tistax tkun prezunta u ma jiswiex li f'citazzjoni jigi dikjarat li l-attur ma jridx jaccetta l-wirt u ghazel li jiehu l-kwota lilu rizervata mil-ligi.

Regoli li japplikaw kemm ghas-successjoni b'testment u wkoll ghal successjoni *ab intestato*.

Illi sabiex din il-qorti tasal ghad-decizjoni taghha jehtieg li taghmel referenza ghal certu fatti:

Giovanni u Maria konjugi Portelli kellhom sitt itfal: Emmanuela Buttigieg, Francesco Portelli[4] (l-atturi), u Rosa Said, Giuseppe Portelli, Salvatore Portelli u Antonio Portelli (il-konvenuti).

Jirrizulta li fit-testment *unica charta* li ghamlu t-testaturi Giovanni u Maria konjugi Portelli fit-13 ta' Novembru 1941 atti nutar Francesco Gauci, ma gewx nominati werrieta. L-istess fit-testmenti li ghamlet Maria Portelli fit-18 ta' Mejju 1958 u 10 ta' Marzu 1959. Ghalhekk il-wirt taghhom hu regolat *ab intestato*. Dan ifisser li l-jedd ta' successjoni ghadda fuq uliedhom.

---

[4] Miet fl-14 ta' Dicembru 1976.

Emanuela Buttigieg u Francesco Portelli fethu l-kawza odjerna fil-25 ta' Ottubru 1965 u permezz taghha talbu l-legittima mill-wirt tal-genituri taghhom.

Jirrizulta mill-atti li skont il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Dicembru 1965, Dr Giuseppe Pace ghall-atturi ghamel referenza ghan-nota tat-18 ta' Novembru 1965 prezentata fil-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja minn Buttigieg u Francesco Portelli fejn irrinunzjaw ghall-wirt, salv il-legittima ghall-kwota ereditarja taghhom. Fl-24 ta' Gunju 1967, il-konvenuta Rose Said irrinunzjat ghall-ewwel eccezzjoni taghha. Din in-nota ta' rinunzja giet ezebita man-nota ta' sottomissjonijiet anki jekk in effetti ma jirrizultax li kien hemm kontestazzjoni dwarha.

Stabbilit li Emanuela Buttigieg u Francesco Portelli kienu pprezentaw in-nota ta' rinunzja kif rikjesta mil-ligi, din il-Qorti trid issa tanalizza l-provi biex tasal ghad-decizjoni jekk sarux xi atti ta' eredi min-naha taghhom.

L-attrici Emanuela Buttigieg kienet xehdet[5] li:-

i. **Bicca raba' msejha 'Tal-Basla'** ta' cirka sighajn qeghdha f'idejha. Spjegat li din kienet taghtilha ommha bhala dota meta zzewget izda ma kienx hemm kuntratti. Fuq din l-art thallas cens lill-Monsinjur Dun Edwardo Bondi' Dalli ta' zewg xelini fis-sena.

ii. **Raba' msejha tar-Ramla** kienet f'idejn missierha, u issa qeghdha f'idejn Emmanuele Portelli iben Francesco.

iii. **Raba' msejha ta' Mghajza** ta' erba' sighan qeghdha f'idejn il-werrieta ta' Francesco.

iv. **Raba' ta' Xini**, li qalet li kienet b'enfitewsi temporanja minghand il-Gvern, kienet f'idejha. Qalet ukoll li c-cens kienet qeghdha thalsu hija u kienet ilha taghmel

[5] Seduta tat-12 ta' Marzu 1981 a fol 158 tal-process

hekk sa minn mindu zzewget. Infatti f'seduta precedenti[6] kienet xehdet li anki din ir-raba' kienet inghatatilha bhala dota u li ma kienx sar kuntratt.

v. **Raba' ohra minn tax-Xini** ta' sitt itmiem, kif ukoll il-mandra fi Triq Duru n-Nadur qeghdha f'idejn il-werrieta ta' huha Francesco, u li tlett itmiem minnhom kienu ghaddew ghandu minghand il-genituri.

vi. Il-Hmar bix-xett u l-karrettun spicca ghand huha Francesco.

Salvu Portelli, wiehed mill-konvenuti (illum mejjet) ikkonferma x-xhieda ta' Emanuela Buttigieg u zied maghha.

Emanuel Portelli[7] xehed li l-ghelieqi li jahdem parti minnhom gejjin mill-wirt tan-nanna u li kien hemm xi tmien (8) bicciet gejjin b'wirt tan-nanna.

Referenza se ssir ukoll ghan-nota ta' Emanuel Portelli[8] u ghall-kummenti ta' diversi kontendenti fuq l-istess. Irid jigi ccarat li f'dan l-istadju se ssir referenza biss ghal dawk il-proprjetajiet li huma relevanti ghad-determinazzjoni tal-kwistjoni odjerna biss ghaliex f'din in-nota hemm aktar proprjetajiet imsemmija li pero' ma kienux f'idejn missieru jew ohtu Emanuela. F'din in-nota Emanuel Portelli jsemmi s-segwenti:

i. **Dwar ir-raba' Ta' Mghajza**, fin-Nadur ta' circa T.0.4.0[9] ighid li kienet f'idejh izda ilha hafna snin ghand kuginuh Joseph Portelli. Dan huwa kkonfermat anki mill-atti li pprezenta l-Perit Guido Vella li kien nominat bhala espert u li kkonstata li r-raba' kien qieghed jinhadem minn Joe Portelli.

---

[6] Seduta tat-12 ta' Frar 1981
[7] Iben Francesco Portelli – seduta tal-5 ta' Novembru 2002 a fol 291 tal-process
[8] A fol 301 tal-process
[9] Para vi pagna 25 tar-rapport tal-Perit Legali a fol 131 tal-process

ii. **Dwar ir-raba' 'Ta' Ghajn Qasab'** fin-Nadur ta' cirka T6.0.0.[10] ighid li snin qabel kien jahdem zewgt itmiem minn din ir-raba'. Safejn jaf illum din ir-raba' qeghdha tinhadem minn Pawlu Portelli iben Salvu u parti mit-tfal ta' Guzepp Portelli[11]. Carmelo Portelli u Maria Muscat fost ohrajn fin-nota taghhom tat-23 ta' Ottubru 2008 iddikjaraw li c-cens ta' din ir-raba' illum ghalaq u li Pawlu Portelli iben il-konvenut Carmelo Portelli qieghed jahdem 800mk minnha bla titolu ghax ic-cens temporanju skada u ghamel applikazzjoni mal-Lands biex ikun rikonoxxut bhala inkwilin. L-istess qieghed jaghmel Mario Portelli.

iii. **Dwar ir-raba' fi Triq Duru n-Nadur** ta' cirka T1.0.0 b'razzett go fiha b'cens[12] Emanuel Portelli spjega li huwa ghandu maqjel u naqra mandra minnu. Il-kumplament qieghed f'idejn Carmelo u Maria Portelli. Ir-raba' tinsab f'idejhom. Carmelo Portelli u Maria Muscat fost ohrajn fin-nota taghhom isostnu li din ir-raba' mhux mertu tal-kawza izda hija provenjenti mill-eredita' ta' Guzepp Portelli u kienet oggett ta' kuntratt ta' donazzjoni tad-29 ta' Mejju 2000 in atti Nutar Dottor Silvio Hili.

iv. **Dwar raba' ohra 'Tax-Xini'** ta' cirka T6.0.0 fin-Nadur, b'cens[13] Emanuel Portelli jghid li hemm tlett (3) itmiem u mhux sitta (6) li gejjin mill-wirt tan-nanniet. Isostni li dawn ilhom f'idejh mill-1968 meta missieru mar fid-dipartiment tal-Gvern u qalibhom fuq ismu u ilu jahdimhom u jhallas minn dak iz-zmien.

v. **Rigward mandra fi Triq Duru, Nadur** cirka T.0.2.0, cens[14] Emanuel Portelli jsostni li din m'ghandhix x'taqsam mal-wirt u kien hadha minghand il-gabillott certu Pietru Vella.

[10] Para iii pagna 26 tar-rapport tal-Perit legali a fol 131 tal-process
[11] F'nota sussegwenti tat-18 ta' Mejju 2008 a fol 429 tal-process, Eamnuel Portelli jispjega li din ir-raba' kienet maqsuma fi tlett bicciet. Wahda mill-porzjonijiet kienet f'idejn missieru. Pawlu Portelli iben Salvu dahal kemm fil-parti li kellu missieru Salvu kif ukoll f'dik il-parti li kien jahdem Francesco Portelli
[12] Para v pagna 27 tar-rapport tal-Perit Legali a fol 133 tal-process
[13] Para v pagna 27 tar-rapport tal-Perit Legali a fol 133 tal-process
[14] Para vii pagna 27 tar-rapport tal-Perit Legali a fol 133 tal-process

vi. Fin-nota tat-18 ta' Mejju 2008[15] Emanuel Portelli ddikjara li l-proprjeta' mmarkata bin-numru (xiii) f'pagna 25 tar-rapport tal-Perit Legali kienet f'idejn Francesco Portelli u wara ghaddiet ghand il-werrieta tieghu. F'xi zmien hadha taht idejh Ganni Said (il-konvenut) li bieghha lil terzi. John Said, l-intervenut, fin-nota tieghu[16] fost kummenti ohra, b'referenza ghal din l-art iddikjara li thalliet lilu b'legat minn Maria armla ta' Ganni Portelli bit-testment tat-18 ta' Mejju 1958 in atti Nutar Dottor Giuseppi Cauchi.

vii. Fin-nota appena citata fil-paragrafu precedenti, Emanuele Portelli indika proprjetajiet ohra fosthom : (a) **Bicca raba' fl-inhawi maghrufa 'Tas-Sutar' jew 'Tax-Xini'** ta' cirka tlett (3) itmiem li kienet f'idejn l-attur Francesco Portelli u wara ghaddiet f'idejn il-werrieta tieghu u sussegwentement ghaddiet f'idejn Ganni jew John Muscat il-werriet ta' Maria Muscat bint il-konvenut Giuseppe Portelli. Dwar din ir-raba' Carmelo Portelli u Maria Muscat fost ohrajn ighidu li hija proprjeta' ta' Maria Muscat provenjenti mill-wirt ta' Maria Said, Salvu Said u Pawlu Said. (b) **Raba' ohra fl-inhawi ta' Mghajza** biswit bicca raba' ohra indikata bl-ittra (v) f'pagna 25 tar-rapport tal-Perit Legali li kienet f'idejn Emanuela Buttigieg u ilha ma tinhadem snin twal.

Referenza ssir ukoll ghax-xhieda ta' Maria Buttigieg[17] li kkonfermat li thallas qbiela fuq l-art tax-Xini fin-Nadur[18] lill-Kunsill tan-Nadur. Hija kkonfermat ukoll li thallas cens lill-Mons Bondi' fuq l-art tal-Basla jew tad-Duru[19]. Hija xehdet li dawn iz-zewg artijiet tahdimhom hija u huma provenjenti mill-wirt ta' ommha Emanuela li akkwistathom minghand ommha fl-okkazzjoni taz-zwieg kif kienet tghid ommha. Hija sostniet li hija u hutha dawn biss ghandhom f'idejhom. B'referenza ghan-nota ta' Emanuel Portelli tat-18 ta' Mejju 2008 filwaqt li qablet mal-kontenut taghha hlief li l-proprjeta' msemmija f'paragrafu 14c fuq 'Ta'

[15] A fol 429 tal-process
[16] A fol 459 tal-process
[17] Bint Emanuela Buttigieg – seduta tat-22 ta' Mejju 2008 a fol 454 tal-process
[18] Dok MB1
[19] Dok MB2

Mghajza’ xehdet li din mhix gejja mill-wirt min-naha ta’ ommha izda gejja mill-wirt tan-naha ta’ missierha[20] fl-1955.

Ligi u Gurisprudenza in Materja

L-Artikolu 850 tal-Kodici Civili (Kap. 16) jipprovdi li accettazzjoni ta’ wirt tista’ tkun espressa jew tacita; *“hija tacita, meta l-werriet jaghmel xi att li bilfors ifisser li huwa ried jaccetta l-wirt, u li ma kienx ikollu l-jedd li jaghmel jekk mhux bhala werriet”*. Ghal dik li hi accettazzjoni, l-att fih innifsu m’huwiex bizzejjed biex jaghti lok ghall-accettazzjoni. Dan in kwantu minn dak l-att irid jirrizulta li l-werriet ried jaccetta l-wirt; *“hemm bzonn, kif stabbilit mill-gurisprudenza, illi jkun hemm il-volonta` u l-intenzjoni li b’dak l-att tigi accettata l-eredita`, u ta’ dan trid issir il-prova univoka, b’mod li ma tkunx possibbli kwalunkwe interpretazzjoni ohra ta’ dak l-att (v. Kollez. XXIX.i.1179) u App. Civ. 2.3.1951 (inedita) in re Giorgia Zammit vs Marchese Enrico Grispo Barbaro di San Giorgio)”* (**Maria Stella Hili et vs Carmelo Cilia** deciza fid-19 ta’ Jannar 1956 – Vol. XL.ii.691).

Fil-kawza fl-ismijiet **Carmel Attard vs Joseph Attard**[21] inghad li

*“L-oneru tal-prova qieghed fuq min jallega li kien hemm accettazzjoni; fil-kaz taghna il-konvenuti. L-accettazzjoni trid tkun neccessarjament tippresuponi l-intenzjoni li wiehed jaccetta l-kwalita’ tieghu ta’ eredi. Sabiex wiehed jasal biex jikkonkludi li hemm accettazzjoni tacita, “dan ried ikun tali li certament, necessarjament u univokament, minnu ma tkunx tista’ tigi nferita konsegwenza ohra hlief dik li min ghamlu ried jaccetta l-eredita`. U l-prova li l-att ikun jirrivesti dawn il-karattri jinkombi lil min jallega li dak l-att jirrivesti dawn il-karattri” (**Nobbli Rosario Ferro Attard Montalto –vs- Nobbli Charles Vella Bonavita et**, Prim’Awla, Qorti Civili, 14 ta’ Dicembru 1966).*

[20] Dok MB3
[21] Cit Nru: 53/2007AE deciza fil-21 ta’ April 2008

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Amadeo Mea et vs Albert Borg et**[22] deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Gunju 1952 gie kkonfermat li mill-att trid tirrizulta l-volonta tas-successibbli li jaccetta l-wirt, fis-sens li *"mhux bizzejjed li l-att jirrileva intenzjoni kwalunkwe, dak l-att irid ikun tali li jimplika b'mod necessarju u inekwivokabili l-volonta' f'min jaghmlu li jaccetta l-wirt. Magistralment f'dan ir-rigward hu l-insenjament tal-Qorti ta' l-Appell tal-Maesta' tar-Regina fil-kawza* ***Azzopardi vs Mallia*** *deciza fis-6 ta' Novembru 1916:- 'Mentre secondo l'antico diritto bastava per l'accettazione dell'eredita' un atto qualunque esprimente la volonta' d'essere erede, per cui la tacita accettazione poteva emergere da un fatto che per se stesso non supponeva di necessita' l'intenzione di accettare l'eredita', il diritto nuovo, ad eliminare gli apprezzamenti fondati su verosimiglianze piu' o meno fondate, vuole che l'atto da cui si voglia inferire l'accettazione debba essere tale da supporre, non solo certamente, ma necessariamente la volonta di accettare (Kollez. XXIII.i.254)"*. Kompliet tghid li fid-dubju l-accettazzjoni ghandha tigi eskluza[23].

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Marjano Pace pro et noe vs Carmelo Pace et**[24] inghad is-segwenti:

*"Skond l-Artikolu 836 tal-Kodici Civili:*

*"Il-pussess tal-hwejjeg il-mejjet ighaddi, bis-sahha tal-ligi, b'mod ta' kontinwazzjoni, fil-werriet, sew jekk testamentarju jew legittimu, bl-obbligu li jhallas il-pizijiet kollha tal-wirt.".*

*Inoltre, Marjano Pace hu wiehed mis-successibbli ta' Maria Pace, fis-sens li ghandu dritt ghal sehem mill-wirt ta'*

---

[22] Vol. XXXIV.ii.475.

[23] "L-att kompjut ghandu jkun essenzjalment univoku b'mod li ma jhalli assolutament ebda dubbju li s-successibbli, meta ghamel l-att, ma setax kellu intenzjoni ohra hlief dik li jaccetta l-eredita', u jekk dak l-att seta' ghamlu alio titulo jew mhux b'dik l-intenzjoni, l-accettazzjoni ghandha tigi eskluza" (**Nobbli Rosario Ferro Attard Montalto vs Nobbli Charles Vella Bonavita et** deciza mill-Prim'Awla fl-14/12/1966 – Vol. L.ii.482). Ara wkoll sentenza **Guido Sant Fournier nomine vs Lucy Demaria nomine** deciza fit-30 ta' Novembru 1966 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Vol. L.ii.468).

[24] Rik Nru: 31/2008AE deciza fl-20 ta' Jannar 2009

*ommu. L-att li jwassal ghall-accettazzjoni tacita ta' eredita jehtieg li juri* ***l-intenzjoni tal-parti li taccetta dak il-wirt****. Kif tajjeb osservat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili*[25] *fil-kawza* ***Orazio Cutajar vs Emmanuele Cutajar et*** *deciza fit-3 ta' Ottubru 2003, "Biex din id-difiza jew att taghhom kellu jitqies accettazzjoni tacita` "dan ried ikun tali li certament, necessarjament u univokament, minnu ma tkunx tista' tigi nferita konsegwenza ohra hlief dik li min ghamlu ried jaccetta l-eredita`. U l-prova li l-att ikun jirrivesti dawn il-karattri jinkombi lil min jallega li dak l-att jirrivesti dawn il-karattri" ("****Nobbli Rosario Ferro Attard Montalto –vs- Nobbli Charles Vella Bonavita et****", Prim'Awla, Qorti Civili, 14 ta' Dicembru 1966). Ghall-esposizzjoni aktar ampja fuq din it-tema ara decizjoni flismijiet "****Clementina Farrugia et –vs- Maddalena Farrguia et****", Appell Civili, 30 ta' April 1962.".*

*Ghal fini ta' legittima, is-successibbli jrid jaghmel rinunzja tal-wirt. Rinunzja li ma tistax tkun prezunta izda li trid ssir permezz ta' dikjarazzjoni li ghandha tigi prezentata fil-qorti ta' gurisdizzjoni volontarja (Artikolu 860[2] tal-Kodici Civili). Il-konsegwenza tar-rinunzja hi li l-persuna msejha ghall-wirt titqies li qatt ma kienet werriet tal-mejjet. Ir-rinunzja m'hijiex possibbli fejn hemm accettazzjoni ta' wirt*[26]*. Fil-ligi Maltija fir-rigward ta' accettazzjoni o meno ta' eredita', ghandna distinzjoni bejn tlett ipotezijiet:-*

*"(a) L-eredi li jkun fil-pussess attwali (i.e., reali u mhux sempliciment legali li jghaddi bi dritt mid-defunt ghall-eredi) ta' l-eredita', li ghandu biss tlett xhur mill-apertura tas-successjoni jew 'a die scientiae' taghha (art. 922) salvi l-proroghi ghall-inventarju (art. 923) u z-zmien ta' erbghin gurnata ghad-dikjarazzjoni ta' l-accettazzjoni (art. 924).*

*(b) l-eredi li ma jkollux il-pussess reali fuq imsemmi u ma jkunx ingerixxa fl-eredita u li tigi proposta xi istanza kontra*

---

[25] Imhallef P. Sciberras

[26] Artikolu 858: *"Min jaccetta wirt, ma jistax jattakka l-accettazzjoni hlief meta din tkun saret minhabba vjolenza, jew minhabba qerq li jsir bi hsara tieghu."*.

*tieghu, li ghalih it-terminu irid jigi impost mill-qorti (art. 925(1));*

*(c) l-eredi li mhux biss ma jkunx ha l-pussess fuq imsemmi u ma jkunx indahal fil-wirt imma wkoll li ma tkunx giet proposta ebda istanza kontra tieghu, f'liema kaz il-perjodu ghall-formalitajiet in kwistjoni jestendi ghall-perjodu preskrittivi tal-accettazzjoni tal-wirt, li fil-kaz li l-eredita' tkun vakanti huwa ta' tletin sena (art. 925(2), 900 Kodici Civili)." (**Maria Olivieri vs Avukat Dr Victor Caruana Colombo et nomine et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[27] fit-22 ta' April 1965 – Vol. XLII.ii.863).*

*5. Rilevanti hu l-Artikolu 869 tal-Kodici Civili (Kap. 16) li jipprovdi li l-imsejhin ghall-wirt (kif wara kollox hu l-attur) jitilfu l-jedd ta' rinunzja ghall-wirt jekk ghandhom:-*

- *"il-pussess tal-hwejjeg tal-wirt"; u*
- *ma jkunux imxew skond id-disposizzjonijiet dwar il-beneficcju ta' l-inventarju fi zmien **tlett xhur millftuh tas-successjoni** jew minn dak in-nhar li jkunu saru jafu li l-wirt miss lilhom.*

*Luigi Borsari esprima l-fehma li r-raguni ghal dan il-provvediment hi li wiehed m'ghandux jabbuza "...del possesso godendo con un beneficio semplice lasciando sospesi e nell'incerto gli interessi ereditari."[28] Bl-istess mod E. Pacifici Mazzoni spjega li, "Cosi la legge stabilisce, nell'interesse dei terzi aventi diritto verso l'eredita'; poiche' creando una risponsabilita' illimitata sopra gli eredi, toglie loro ogni mezzo per espilare l'eredita' a loro pro e a danno dei terzi medesimi."[29]*

*Prima facie, jidher li l-presunzjoni li tirrizulta hi assoluta u ma tippermettix prova kuntrarja. Madankollu l-Artikolu 852 tal-Kodici Civili jipprovdi: "L-ordnijiet moghtija ghall-funerali, l-atti ta' konservazzjoni, jew ta' amministrazzjoni tal-wirt ghal xi zmien, ma jgibux accettazzjoni tal-wirt meta ma tkunx ittiehdet ukoll il-kwalita' ta' werriet.". Fil-kawza*

---

[27] Imhallef M. Caruana Curran

[28] *Commentario del Codice Civile Italiano*, Vol. III Parti I (UTET, 1874) pagna 1038

[29] *Codice Civile Commentato, Trattato delle Successioni* Vol. V (1876) pagna 112.

***Paolina Fabri et vs Saverio Calleja et*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Imhallef A. Dingli) fis-27 ta' Jannar 1888*[30] *gie osservat li, "La disposizione dell'articolo 572 (illum 869) non e' punto inconciliabile con quella del 555 (illum 852), trattando questa di Amministrazione provvisoria, e l'altra di possesso reale, con amministrazione definitiva a proprio vantaggio.". F'din is-sentenza saret riferenza ghal sentenza moghtija f'Nizza fil-11 ta' Mejju 1852 fejn gie spjegat li ma kellux jigi applikat l-Artikolu 1007 tal-Codice Sardo*[31] *meta s-successibbli jibqa' jippossjedi beni li jkollu diga' in komun mal-mejjet, matul il-hajja tieghu. Fehema li giet abbraccjata mill-Qorti ta' l-Appell. L-awtur E. Pacifici Mazzoni spjega kif, "il solo possesso puo' essere atto di amministrazione odinaria, e non includere percio' l'intenzione di accettare: e allora presumere accettante chi volonta' di esser erede non puo' ritenersi aver avuto, parmi destituito d'ogni razionale fondamento."*[32] *Rilevanti wkoll hi s-sentenza fl-ismijiet* ***Francesco Baron vs Rosina Muscat*** *deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-8 ta' Jannar 1935*[33] *fejn gie osservat li "....il-kontinwazzjoni tal-pussess tal-gid tal-mejjet mill-parti tal-konvenuta li kienet tikkoabita mieghu mhux tali illi jinduci l-accettazzjoni tal-wirt.". F'dan il-kuntest il-qorti ghamlet riferenza ghal sentenza tal-Qorti ta' Bologna fil-21 ta' Mejju 1883 fejn osservaw: "Il possesso nella moglie dei mobili del marito, continuato nella casa maritale, e le riparazioni che essa vi abbia fatte non sono sufficienti ad attribuirle la qualita' di erede del marito, dovendosi riguardare il primo come una semplice continuazione di quello che vi aveva quando era in vita il marito, e le alter come atti di mera conservazione, non inducenti quella disponibilita' che necessariamente dia a supporre in chi li compie non altra veste che quella di erede.".*

[30] Volum XI.496.

[31] L-Artikolu 952 tal-Kodici Civili (dak qabel l-1942) ittiehed mill-Codice Sardo.

[32] Codice Civile Italiano Commentato, Trattato delle Succesioni (1876), Vol. V pagna 112.

[33] Vol. XXIX.ii.192.

*F'kaz li hemm telfien tal-jedd ta' rinunzja ghall-wirt, l-imsejjah ghall-wirt jitqies werriet minghajr beneficcju tal-inventarju u ma jkunx jista' jitlob il-legittima. M'hemmx dubju li l-attur ghandu l-pussess ta' beni li jifforma parti mill-eredita' ta' ommu u ta' missieru. Id-diffikulta' hi jekk l-Artikolu 869 japplikax biss ghal kaz fejn l-imsejjah ghandu l-pussess tal-beni kollha tal-wirt, jew japplikax ukoll fejn ghandu l-pussess ta' oggett wiehed. Taht il-Kodici Civili Taljan vigenti (Artikolu 485), il-provvediment relattiv gie nterpretat fis-sens li pussess ta' oggett wiehed hu bizzejjed:*

- *"Il possesso dei beni ereditari previsto dall'art. 485 c.c. non deve necessariamente riferirsi all'intera eredita', essendo sufficiente il possesso di un* ***solo bene*** *(nella specie, un letto ed alcuni effetti personali) con la consapevolezza della sua provenienza (79/3175)."*[34]
- *"Non si ritiene necessario che la relazione materiale intercorre co tutti i beni ereditari, essendo invece sufficiente che coinvolga una parte di essi o anche un solo bene ereditario. Cio si e argomentato dal fatto che il testo dell'art. 485, a differenza della sua rubrica, parla di possesso* ***di*** *beni."* (*Codice Civile Pretestuale*, G. Bonilini – M. Confortni – C. Granelli – UTET (2005) pagna 762)[35].

*Madankollu l-provvediment m'huwiex identiku ghal Kodici Civili, u jirreferi ghal kaz fejn l-imsejjah "...quando a qualsiasi titolo e' nel possesso* ***di beni ereditari****, deve fare l'inventario entro tre mesi dal giorno dell'apertura*

[34] G.Cian u A. Trabucchi, Commentario Breve al Codice Civile, Cedam (1996) pagna 485; "Se il chiamato si trova a qualsiasi titolo nel possesso effettivo (un tempo si diceva nel possesso reale) di beni ereditari, anche di un solo bene del compendio (ipotesi tra le piu' frequenti), se si pensa che l'erede e' spesso un membro della famiglia convivente con il de cuius), la legge stabilisce che, trascorsi tre mesi senza un atto di rinunzia, e senza che sia fatto l'inventario, il chiamato si intende erede puramente e semplicemente (485). Bisogna quindi far molta attenzione, e occorre agire con pronta sollecitudine, e cio' per evitare il pericolo di trovarsi con le responsabilita' di erede pu senza avere espresso in alcun modo la volonta' di accettare. Pertanto va richiamata l'attenzione dei successori conviventi con il de cuius che non vogliano trovarsi di fronte alle conseguenze di una damnosa hereditas" (Istituzioni di Diritto Civile, A. Trabucchi, Edizzjoni numru 48, Cedam, (2007) pagna 488).

[35] Parti tal-kummentarju dwar l-Artikolu 485 tal-Kodici Civili Taljan.

*della successione o della notizia della devoluta eredita'......Trascorso tale termine senza che l'inventario sia stato compiuto, il chiamato all'eredita' e' considerato erede puro e semplice."*[36] *Fil-kawza fl-ismijiet* ***Giovanna Scicluna vs Salvatore Scicluna*** *deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' April 1934*[37]*, il-qorti esprimiet il-fehma li sabiex is-successibbli li hu fil-pussess tal-beni ereditarji jigi dikjarat bhala werriet, hu indifferenti jekk ghandu l-pussess tal-assi ereditarji kollha jew xi whud minnhom, jew li jippossjedi beni li jappartjenu esklussivament lill-eredita' jew beni in komuni bejnu u l-eredita'. Din tidher li hi l-fehma ta' Luigi Borsari, "Ora viene in taglio un altra ricerca. Qui dove parla di possesso reale, la legge allude forse al possesso di utta la eredita' o eziando di una parte benche minima di essa ? E anche in via subalterna, con animo o senz'animo di erede ? Invero la eredita' e' un nome che puo' essere materialmente rappresentato da un complesso di beni o anche da qualche bene di quel complesso, alla condizione pero del concorso morale, ossia della coscienza di erede. Ma la coscienza non origna che dall scienza, secondo il giudizio da questa legge."* [38] *F'sentenza ohra tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza* ***Giuseppa Scicluna vs Carmela Vella*** *deciza fl-14 ta' Mejju 1957*[39]*, l-attrici kienet qeghda titlob somma flus. Il-konvenuta allegat li ma kenitx eredi ta' missierha u fil-mori tal-kawza rrinunzjat ghas-successjoni. Il-qorti filwaqt li ghamlet riferenza ghall-Artikolu 869 tal-Kodici Civili, osservat li l-konvenuta qatt ma kellha fil-pussess taghha l-hwejjeg tal-wirt ta' missierha; "F'dan ir-rigward, anzi, mhux ta' min jonqos li jghid li fuq l-attrezzi ta' go l-hanut fuq imsemmi l-konvenuta jista' jkollha xi drittijiet bhala werrieta ta' ommha Virginia, l-ewwel mara ta' Lorenzo Scicluna, li fi zmien il-hajja taghha dawk l-attrezzi gew, jekk mhux kollha, in parti mixtrija minn Lorenzo Scicluna.". Il-qorti ma*

[36] "Ma poiche' il possesso deve essere tale da pregiudicare gli interessi dei terzi, e' giocoforza riconoscere una certa rilevanza al valore economico dei bei posseduti: invero il possesso di beni di irrilevante valore non costituirebbe alcuno pericolo peri i terzi (Burdese. 305-6)." (ara codice Civile Pretestuale (UTET 2005) pagna 2005).

[37] Vol. XXVIII.ii.578.
[38] Commentario del Codice Civile Italiano, Volum III Parti I (UTET, 1874) pagna 1038.
[39] Vol. XLI.ii.1007

*taqbilx li l-interpretazzjoni tal-Artikolu 869 tal-Kodici Civili ghandha tkun li werriet ma jkunx jista' jirrinunzja ghall-wirt jekk ma jipprocedix skond id-disposizzjonijiet dwar il-beneficcju ta' l-inventarju fit-terminu stabbilit, fil-kaz ukoll fejn ghandu l-pussess ta' oggett wiehed tal-wirt. Dan iktar u iktar meta wiehed iqies li l-ligi ma tippermettix prova kuntrarja u min-natura taghha l-presunzjoni hi assoluta. F'dan il-kuntest hu floku li jsir paragun ma' dak li jipprovdi l-Artikolu 870:- "il-werrieta li jkunu hadu b'qerq jew hbew* ***xi hwejjeg tal-wirt****, jitilfu l-jedd tar-rinunzja ta' dak il-wirt, u, ghalkemm jaghmlu r-rinunzja, jibqghu werrieta minghajr il-beneficcju ta' l-inventarju.". Hu evidenti li l-ligi tiddistingwi bejn* ***"il-****pussess* ***tal-hwejjeg tal-wirt"*** *(Artikolu 869) u* ***"xi hwejjeg tal-wirt"*** *(Artikolu 870). Il-qorti hi tal-opinjoni li l-Artikolu 869 qieghed jikkontempla l-pussess reali tal-beni ereditarji."*

Applikazzjoni tal-Principji Legali ghall-Kaz

Illi qabel xejn punt importanti u li huwa ferm relevanti ghall-kaz odjern meta si tratta ta' aktar minn persuna wahda li kontra taghha tkun qed issir allegazzjoni li accettat il-wirt, huwa li hekk kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Clementina Farrugia et vs Maddalena Farrugia et**[40] *"hu necessarju li jigi osservat il-principju tal-htiega li jinzammu separati l-provi ghar-rigward ta' kull wiehed u wahda minnhom"*

Illi fir-rigward ta' Emanuela Buttigieg huwa relevanti dak li kkonstata l-Perit Legali fir-rapport tieghu ossija:

"Dak li jirrizulta ulterjorment mill-kumplament tal-provi, u li jidher li hemm qbil bejn il-kontendenti minn kull naha dwaru:-

(i) raba' tax-Xini ta' cirka T1.4.0 fin-Nadur, cens; u
(ii) raba' tal-Basla ta' cirka T0.2.0 fin-Nadur, ukoll cens;

[40] Appell Civili deciz fit-30 ta' April 1962

Dawn il-bcejjec kienu gew moghtija bhala dota lill-attrici Emanuela Buttigieg mill-genituri taghha, fl-okkazzjoni taz-zwieg taghha. Ma kienx sar att pubbliku (ara para. 25(i), 26(i), 28(vi) u Dok P5)”.

Il-Perit Legali kkonkluda li dawn il-proprjetajiet ghandhom jigu nkluzi ma’ proprjetajiet ohra ghad-divizjoni. Minghajr ma f’dan l-istadju l-Qorti toqghod tidhol f’tali mertu u li jrid jigi deciz fi stadju ulterjuri, huwa relevanti li l-kontendenti minn kull naha qablu li dawn ir-raba’ gew f’idejn Emanuela Buttigieg bhala dota mill-genituri taghha fl-okkazzjoni taz-zwieg taghha ghalkemm ma sarx att pubbliku. Emanuela Buttigieg izzewget fis-snin tletinijiet[41]. Kwindi dawn ir-raba’ kienu f’idejha sa minn qabel il-mewt tal-genituri taghha u baqa’ f’idejha anki wara l-mewt taghhom u baqghu f’idejn id-dixxendenti taghha. Ghal Emanuela Buttigieg u sussegwentement l-eredi taghha dawn il-bicctejn raba’ kienu f’idejha bhala dota u mhux bhala li kienu wirt tal-genituri taghha. Ma rrizultax li Emanuela Buttigieg ghandha f’idejha proprjeta’ ohra tal-genituri taghha.

Il-konvenuti ma rnexxilhomx jippruvaw li l-intenzjoni ta’ Emanuela Buttigieg kienet li taccetta l-wirt tal-genituri taghha. Il-fatt li r-raba’ kien f’idejn Emanuela Buttigieg meta nfethet il-kawza mhux tali li jimplika b’mod necessarju u nekwivokabbli l-volonta’ li kienet qed taccetta l-eredita’, u b’mod li l-att ma jkunx konciljabbli ma’ volonta’ u intenzjoni diversa. Hekk kif intqal fis-sentenza succitata fl-ismijiet **Clementina Farrugia et vs Maddalena Farrugia et** *“Il-kwistjoni hi dejjem ta’ apprezzament ta’ att fic-cirkostanzi kollha tal-kaz. Il-ligi turi, bil-kliem rigoruz li tuza’, dak li tezigi, cjoe’ attijiet li tabilfors, necessarjament, u bla ma jhallu dubju, jippresupponu l-volonta’ tal-accettazzjoni u tali li s-successibbli ma kienx ikollu ebda dritt li jaghmel hlied fil-kwalita’ tieghu ta’ eredi”.*

Ghar-rigward ta’ Francesco Portelli jirrizulta li fiz-zmien li nfethet il-kawza kellu ammont ta’ raba’ li kienu f’idejh. Oltre’ dan jirrizulta li l-hmar bix-xett u l-karrettun spicca

[41] Meta xehdet fl-1981 qalet li kienet izzewget 50 sena qabel

ghandu. Ibnu Emanuel Portelli xehed li whud mill-ghelieqi li jahdem gejjin b'wirt tan-nanna. Kif diga' gie sottolineat aktar 'il fuq uhud mir-raba' li kienet f'idejn Francesco Portelli ittiehdet minghandu u bdiet tinhadem minn kontendenti ohra li jigu wlied uhud mill-ahwa Portelli. Kif diga' gie rilevat aktar 'il fuq dan ukoll gie kkonfermat minn certu konvenuti bhal Carmelo Portelli u Maria Muscat. Referenza ssir ukoll ghax-xhieda ta' Joseph Portelli[42]. Fuq domanda ta' Dr Albert Camilleri[43] ikkonferma li missieru kellu raba' fil-pussess tieghu li kienet tifforma parti mill-wirt ta' Maria u Ganni Portelli, il-buznanniet tieghu. Ezempju kien hemm tal-Wileg u ta' Mghajza. Ma jafx meta l-proprjeta' kienet giet fil-pussess ta' missieru. Huwa kompla li missieru fil-pussess tieghu ghandu raba' fl-area 'ta' Xordin' u m'ghandux taghrif jekk din il-proprjeta' hix provenjenti mill-wirt tal-buznanniet tieghu. Xehed ukoll li l-proprjeta' l-ohra li kienet fil-pussess ta' missieru, ezempju 'tal-Wileg', il-Qala, Ghawdex; 'ta' Mghajza', in-Nadur; u bicca ohra 'Ghajn Qasab' kien hemm haddiehor li dahal f'din il-proprjeta' u ghalhekk ma baqax jahdimhom. Imbaghad fuq domanda ta' Dr Refalo huwa wiegeb li meta Joe Portelli dahal fir-raba' 'Ta' Mghajza' missieru ma tkellem xejn ghax din kienet tifforma parti mill-wirt.

Fil-fehma tal-Qorti, il-konvenuti lanqas fir-rigward ta' Francesco Portelli ma rnexxilhom jippruvaw l-intenzjoni tieghu cara u inekwivoka li kien accetta l-eredita' tal-ġenituri tieghu. Fl-atti nsibu diversi divergenzi anki ghal dak li jirrigwarda certu raba' lil min jappartjeni. Per ezempju raba' li Emanuel Portelli sostna li kienet f'idejn missieru, John Said l-intervenut isostni li hija art li thalliet lilu b'legat u kwindi mhix ghad-divizjoni. Lanqas irrizulta meta r-raba' ghaddiet fil-pussess ta' l-istess Francesco. Ghalhekk il-fatt li Francesco Portelli dahal fil-pussess materjali ta' xi raba' dan ma jfissirx awtomatikament li accetta l-eredita' tal-ġenituri tieghu. Tant dan huwa minnu li meta successibbli ohra hadu l-istess raba' f'idejhom ebda passi ma ttiehdu. Dan juri li ma kienx hemm pretensjonijiet fuq l-istess raba' ghaliex l-eredita' ma kinitx

[42] Iben Emanuel Portelli – seduta tad-29 ta' April 2009 a fol 500 tal-process
[43] A fol 501 tal-process

giet accettata. Il-komportament tieghu ma jistax jigi definit bhala wiehed car u inekwivokabbli u li jaghti x'jifhem li accetta l-eredita' aktar meta bit-testmenti thallew diversi prelegati ghaf-favur ta' hutu.

Ghaldaqstant u ghal dawn il-motivi mill-provi li tressqu l-qorti ma tistax tikkonkludi li kien hemm accettazzjoni tacita ta' l-eredita' min-naha tal-genituri ta' l-atturi.

Spejjez ta' dan l-incident rizervati ghall-gudizzju finali.

Tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------